**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 23 ta' Marzu, 2017**

**Talba Nru: 130/2012 PM1**

**UDS Limited (C31047) u b'digriet datat 16 ta' Mejju, 2012 giet ordnata korrezzjoni fl-okkju fis-sens li l-isem tas-socjeta' attrici jinqara' Upward Door System Limited**

**Vs**

**Bayswater Constructing Co. Ltd. u b'digriet datat 16 ta' Mejju, 2012 giet ordnata korrezzjoni fl-okkju fis-sens li l-isem tas-socjeta' konvenuta irid jinqara' Bayswater Contracting Company Limited.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-23 ta' Frar, 2012 permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' elf mitejn u wiehed u tmenin ewro u hmistax-il centezmu (€1,281.15) rapprezentanti somma ta' bilanc dovut ghal servizz u xogholijiet li saru fil-bibien fil-proprjeta' tal-istess socjeta' konvenuta The Palms, 302, Mons. Mikiel Azzopardi Street, Siggiewi u dan skont invoice number 751 liema document gie anness mal-istess avviz u mmarkat Dok. 'A'

rapprezentanti servizz moghti mill-kumpanija attrici liema servizz ma giex imhallas bl-imghaxijiet skont il-ligi u bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta datata 11 t'April, 2012 permezz ta' liema s-socjeta` konvenuta ddikjarat li ghandhom isiru d-debiti korrezzjonijiet fl-avviz referibiment ghall-ismijiet tal-partijiet u li f'dan ir-rigward ma kienet qed tressaq ebda opposizzjoni u eccepiet illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li (a) in via preliminari, preskrizzjoni skont l-artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) u, minghajr pregudizzju ghall-premess, dwar il-mertu tal-vertenza hemm inkonsistenzi fil-fatt li jwasslu ghac-cahda tal-azzjoni attrici, hekk kif jigi pruvat jekk jigi rez necessarju, salv eccezzjonijiet ohra u bl-ispejjez.

Ra li permezz ta' rikors datat 15 ta' Mejju, 2012 is-socjeta' attrici talbet id-debiti korrezzjonijiet fl-ismijiet tal-partijiet liema korrezzjonijiet gew ordnati permezz tad-digriet ta' dan it-Tribunal datat 16 ta' Mejju, 2012.

Ra l-affidavit ta' Joseph Paul Vassallo (Dok. JPV1 a fol. 15 tal-process) liema xhud gie kontro-ezaminat fis-seduta tat-13 ta' Novembru, 2012 (fol. 21 tal-process).

Ra li fis-seduta tal-14 ta' Jannar, 2015 xehdu Simone Bajada u John Bonello u li dan tal-ahhar gie kontro-ezaminat fis-seduta tal-25 ta' Marzu, 2013.

Ra li b'sentenza datata 28 ta' Mejju, 2013 dan it-Tribunal kif diversament presjedut cahad l-ewwel eccezzjoni preliminari u ordna li l-ispejjez ta' dik l-istanza jinqasmu bejn il-partijiet.

Ra li minkejja li dan it-Tribunal kif diversament presjedut kien laqa' t-talba tas-socjeta' konvenuta sabiex din tigi awtorizzata tappella, l-istess appell gie differit *sine die* stante li mill-atti ma kienx jidher li l-appellanti hadet hsieb biex issegwi l-appell.

Ra li l-avviz odjern gie sussegwentement appuntat ghas-smiegh tal-provi ghall-5 t'April, 2016.

Ra li fis-seduta datata 8 ta' Gunju, 2016 xehdet Simone Bajada (fol. 60 tal-process).

Ra li fis-seduta datat 28 ta' Frar, 2017 xehed Joseph Vassallo (fol. 72 tal-process).

Ra li fl-istess seduta l-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi xi jressqu.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ra li l-kawza tinsab differita ghall-ghoti tas-sentenza.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi stante d-decizjoni preliminari li cahdet l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, jonqos issa li jigi determinat il-mertu tal-kawza.

Illi permezz tal-kawza odjerna s-socjeta attrici qed titlob bilanc ta' somma akbar rapprezentanti prezz ta' servizzi prestati minnha lis-socjeta` konvenuta konsistenti minn xogholijiet li saru fuq bibien fil-proprjeta' tal-istess socjeta' konvenuta.

Illi waqt it-trattazzjoni orali tal-kawza odjerna, l-avukat difensur tas-socjeta' intimata ssottometta illi t-talbiet attrici ma jistghux jigu akkolti stante (i) kif konfermat mill-istess socjeta' attrici il-bibien mertu ta-kawza ma kenux jinsabu fl-indirizz indikat fl-avviz imma bensi il-Belt u (ii) fi kwalunkwe kaz l-ammont reklamat mhuwiex dovut stante pagament permezz ta' cekk.

Illi t-Tribunal jinnota minnufih illi ebda wahda minn dawn l-eccezzjonijiet ma tinsab indikata fir-risposta tas-socjeta' konvenuta. Permezz tar-risposta taghha l-istess socjeta' konvenuta tinnota zbalji fl-ismijiet tas-socjetajiet rispettivi u tiddikjara li mhix qed topponi fir-rigward tal-korrezzjonijiet relattivi. Hekk ukoll, b'mod alkwantu enigmatiku, l-istess socjeta' konvenuta taghmel referenza ghal "*inkonsistenzi ta' fatt li jwasslu ghac-cahda tal-azzjoni attrici hekk kif jigi pruvat jekk jigi rez necessarju*". B'mod partikulari is-socjeta' konvenuta fl-ebda mument ma eccepiet il-pagament.

Illi hekk ukoll kien jinkombi fuq is-socjeta' attrici li tipprova sal-grad tal-konvinciment morali, fuq bilanc ta' probabiltajiet, tal-gudikant il-pretensjoni taghha. Lilhinn minn kull dubbju huwa car li x-xogholijiet mertu tal-kawza twettqu mis-socjeta' attrici fuq struzzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fil-fond il-Belt (u mhux is-Siggiewi), aspett dan tal-vertenza li dwaru m'hemm ebda kontradizzjoni bejn il-partijiet. F'dan ir-rigward issir referenza ghal dak li xehed John Portelli, manager tas-socjeta` attrici : "*Mistoqsi fejn sar dan ix-xoghol jiena nirrispondi li sari l-Belt u nikkonferma li ma sar l-ebda xoghol is-Siggiewi.*"

Illi f'tali rigward, jinsab deciz skont gurisprudenza kostanti li "*t-termini ta' l-avviz ma kellhomx jitqiesu daqstant rigidi li ma setghux ikunu interpretati biex jinkludu dak li l-partijiet kienu ben konsapevoli tieghu.*" (Ara f' dan is-sens id-decizjoni **Korporazzjoni Enemalta -vsDavid Casha**, Appell Inferjuri, 12 ta' Jannar 2001 citata wkoll b'approvazzjoni fis-sentenza moghtija mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **S. D. Vella Company Limited vs Calypso Manufacturing Limited**; fl-10 ta' Jannar, 2007). Hekk ukoll:

"*Gie pero`enuncjat ukoll illi f'kaz li mill-fatti tal-kawza tirrizulta kawzali diversa minn dik dedotta fic-citazzjoni ilQorti hi fakoltizzata li, fejn jokkorrilha, tipprovdi fuq il-meritu in bazi ghall-kriterju ta' ekwipollenza jekk jinstab li hemm ekwivalenza logika u bastanti biex wiehed ma jinkorriex f'nullita`(Kollez Vol XXIX pII p698; Vol XLVIII pII p777). Dan in omagg ghal dak il-hsieb ispiratur, traccjat f'bosta decizjonijiet, li jevita kemm jista' jkun il-moltiplikazzjoni u d-dilazzjoni tal-liti u li jiskoragixxi l-formalizmu rigidu (…) Aktar fundamentali minn hekk hu l-fatt illi l-Qorti ta' gurisdizzjoni civili ta' sede inferjuri mhiex marbuta bil-kawzali ta' l-avviz.*" (**Design Elements Limited vs Michael P. Camilleri noe.** deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Infejuri) fl-20 ta' Ottubru, 2004).

Multo magis fir-rigward tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar:

"(L)-*Att V ta' l-1995 li kkreja dan it-Tribunal jipprovdi ghall-proceduri spediti bil-minimu ta' informalita` u regoli procedurali. Jinghad espressament fis-subinciz 3 ta' l-Artikolu 9 ta' l-Att illi "ebda procediment quddiem it-Tribunal ma jkun invalidu minhabba fin-nuqqas ta' tharis ta' xi formalita` sakemm wiehed ikun mexa b' mod konformi kemm jista' jkun ma' l-Att jew mar-regoli maghmula tahtu*". (**Frank Coppola vs General Road Servicing Limited** deciza mill-Onor Qorti tal-Appell fis-7 ta' Dicembru, 2005).

Illi ghaldaqstant anke f'dan il-kaz, tenut kont li hemm qbil bejn il-partijiet li l-indirizz indikat fl-avviz u kif ukoll fuq l-'invoice' annessa mieghu mhuwiex dak li fih saru x-xogholijiet mertu tal-kawza u li x-xogholijiet saru f'post il-Belt, it-Tribunal ihoss li gjaladarba s-socjeta' attrici irnexxielha tipprova li effettivament saru tali xoghoijiet – kif d'altronde jinsab ammess mill-istess socjeta' konvenuta – l-indikazzjoni zbaljata tal-indirizz li fih twettqu tali xogholijiet m'hijiex wehidha sufficjenti sabiex twassal ghac-cahda tat-talba. Huwa car li l-premessa tat-talba ghall-hlas hija proprju dik ta' prestazzjoni ta' servizzi. Huwa daqstant iehor car li din il-premessa tinsab pruvata u kwindi it-Tribunal isib li d-diskrepenza fl-indirizz m'ghandu jincidi bl-ebda mod fuq l-ezitu ta' din il-kawza.

Illi tenut kont tal-fatt li s-socjeta' attrici ppruvat li wettqet tali xogholijiet, kien imbaghad jinkombi fuq is-socjeta' konvenuta li tirribatti ghat-talba ghall-hlas. Kif diga' nghad eccezzjoni tal-pagament ma tressqitx formalment. Iktar minn hekk, lanqas ma jista' jinghad li s-socjeta' attrici ikkonvinciet it-Tribunal li wettqet tali pagament tenut kont li, minkejja l-allegazzjoni li l-hlas sar permezz ta' cekk, l-istess cekk baqa' qatt ma gie prezentat. Lanqas ma gie mitlub li jixhed ir-rapprezentant tal-bank sabiex jikkonferma l-hrug u t-tisrif tal-istess. Ma giet imressqa ebda raguni konvincenti li tista' b'xi mod tiggustifika tali nuqqas da parti tas-socjeta' konvenuta meta l-oneru tal-prova kien jaqa' kjarament fuqha fir-rigward tal-kontestazzjoni taghha li hi hallset l-ammont mitlub. Dan kollu qed jinghad ghal ragunijiet ta' kompletezza tenut kont li, jerga jinghad, it-Tribunal, m'ghandux quddiemu eccezzjoni formali ta' pagament.

Illi ghaldaqstant il-verzjoni tas-socjeta’ attrici tisthoqq li tigi emmnuta u t-Tribunal ser jghaddi sabiex jilqa’ t-talba kif dedotta fil-mertu tenut ukoll kont tal-fatt li n-negozju huwa wiehed ta’ natura kummercjali ai fini tal-art. 1141 tal-Kodici Civili.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jichad ukoll l-eccezzjonijiet fil-mertu tas-socjeta’ konvenuta, jilqa’ it-talba tas-socjeta’ attrici u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-istess socjeta’ attrici s-somma ta’ elf mitejn u wiehed u tmenin ewro u hmistax-il centezmu (€1,281.15) rapprezentanti somma ta’ bilanc dovut ghal servizz u xogholijiet li saru fuq struzzjonijiet tal-istess socjeta` konvenuta bl-imghaxijiet skont il-ligi u kwindi mid-data tal-fattura annessa mal-avviz bl-ispejjez ta’ din il-procedura jigu sopportati ghal kollox mill-istess socjeta` konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**